MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Numru 112/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**BRADEN GRIXTI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Braden Grixti ta' 16 –il sena bin missier mhux maghruf u Vincenza Grixti, imwieled Pieta fis-26/02/1993, risidenti 25, Triq l-Argotti, Floriana u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 104393M

Gie akkuzat talli nhar l-14 ta’ Frar 2010 ghal habta tas-1430hrs gewwa l-bini tal-Qorti, Valletta,

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 1444 Kenneth Brignano u PC 432 Sandro Mamo u cioe’ persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti u kkaguna offizi ta’ natura gravi fuq PS 1444 Kenneth Brigano,

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PS 1444 Kenneth Brigano u PC 432 Sandro Mamo u cioe, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan isservizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz,

3. bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ PS 1444 Kenneth Brigano u PC 432 Sandro Mamo u cioe’ persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, wera’ dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

4. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi hebb ghal Ps 1444 Kenneth Brignano u PC 432 Sandro amo sabiex jingurjhom, idejjaqhom u/ jew jaghmmillhom hsara,

5. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ingurja u/ jew hedded lil PS 1444 Kenneth Brignano u PC 432 Sandro Mamo,

6. u aktar talli ghamel reat waqt perijodu operattiv ta’ Probation Order imposta fuqu nhar il-21 ta’ Mejju 2008 mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A.J. Vella;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill- Avukat Generali fin- Nota ta' Rinviju tieghu datata 11 ta' Mejju, 2010 u nnutat li l-imputat Braden Grixti m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis- Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall- linji (a) u (c) li jirrigwardaw artikoli mibghuta fin- Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali datata 11 ta' Mejju, 2010, iddikjara li f'din il-kawza japplika dak previst fl-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta indikat fl-imsemmija Nota ta' Rinviju tal-Avukat Generali. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-artikoli indikati fil-linja (f) li tirrigwarda artikoli mibghuta fl-imsemmija Nota ta' Rinviju tal-Avukat Generali ma' japplikawx fil-kawza odierna. L-istess Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall-linja (h) li tirrigwarda artikoli mibghuta fl-imsemmija Nota ta' Rinviju tal-Avukat Generali talab li l-Qorti rigward tali linja (h) tal-imsemmija Nota ta' Rinviju tal-Avukat Generali taghti Provvediment taht l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta. L-istess Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall- linja (i) li tirrigwarda artikoli mibghuta fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali datata 11 ta' Mejju, 2010, peress illi f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjes a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ma japplika dak previst fl-artikoli 532A u 532B ukoll citati mill- Avukat Generali fil-linja (i) tal-imsemmija Nota ta' Rinviju tal- Avukat Generali, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula fl-imsemmija Nota ta' Rinviju tal-Avukat

Generali a tenur tal-artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ukoll tastjeni millu tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-artikoli 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 96(a), 214, 215, 216, 95, 41(1), 338(dd), 338(ee), 339(1)(b), (d), (e) u (i), 383, 17, 30, 31 u 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7(1) u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Braden Grixti, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda li fil-kaz tal-imsemmi imputat japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minn naha l-ohra l-gravita' tal-kaz odiern u l-fedina penali tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Braden Grixti ghall-piena komplessiva ta' sitt (6) xhur prigunerija u erba' mija sitta u sittin Euro (Euro 466) multa.

Fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill- Ufficjal Prosekutur, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, rigward l-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta liema artikoli inghataw fil-linja (i) tan-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali datata 11 ta' Mejju, 2010, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula fl-imsemmija Nota' Rinviju tal-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ukoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-artikoli 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill- imputat Braden Grixti b'obbligazzjoni personali ta' elf u hames mitt Euro (Euro 1500) li jzomm il-kwiet ma' PS 1444 Kenneth Brignano u PC 432 Sandro Mamo u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------